# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1273/00**

**Numru 32**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**LCD Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm260.87) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' packet switching bin-numru PAC 80 (skond kif jirrizulta mill-"statement" anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond li jgib l-isem LCD House, Triq Santa Monika, Gwardamangia u dan skond ma kif jidher mis-"service agreement" anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 u 3 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm260.87,0 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg